# IL-FESTA TA' SANTA MARIJA KIF NIFTAKARHA JIEN



Kitba ta' Nazju Magro
President Onorarju

Għadni niftakar sewwa kif kienet tiġi ċċelebrata l-Festa ta' Santa Marija fil-Parroċċa ġewwa r-raħal żgħir tagħna, l-Qrendi, madwar ħamsa u ħamsin sena ilu. Dawn it-tifkiriet ta' tfuliti dejjem baqgħu impressjonati f'moħħi.

Għadni niftakar l-armar li kien jintrama' barra, li kien jikkonsisti fi ftit antarjoli bl-armi magħhom u naturalment bil-bandieri u xi żewġ friegħi tal-palm imwaħħla mal-vojt t'isfel ta' l-antarjola. Bejn l-antarjoli kienu jintramaw ukoll xi anġli fuq kolonna żgħira jew pedestall, u f'idejhom kien ikollhom xi siġra bil-weraq tal-landa ddisinjati. Dawn kienu miżbugħa lewn griż u kienu wkoll jinxtegħlu bl-acitaliena, għax dak iż-żmien kien għad m'hawnx dawl elettriku. Niftakar ukoll il-faċċata tal-knisja kienet tinxtegħel bit-tazzi ikkuluriti biż-żejt.

Ma dan it-tiżjin irridu nżidu wkoll l-istatwa grandjuża ta' l-Inkurunazzjoni, li kienet l-unika waħda li kien hawn fil-gżira; żewġ statwi ta' Sant Anna u San Ġwakkin, li kienu jintramaw quddiem iz-zuntier, żewġ anġli kbar, kienu jintramaw fejn il-bieb il-kbir, u xi statwi oħra bħal Ġuditta u tlieta oħra, u naturalment liedna naturali ħadra ddur ma l-antarjoli kollha. Dan il-ftit armar kien kollu jintrema' fil-Pjazza Santa Marija u fi triq il-Parroċċa, billi dak iż-żmien il-pjazza ta' quddiem il-knisja kienet għadha mhix miftuħa.

Ftit ta' żmien wara bdiet era ġdida f'dak li hu dwal fil-festi, għax bdew iġibu l-ġeneraturi tad-dawl, u kienu jġibu lil ċertu Sur Chetcuti, kuntrattur, li kien jieħu ħsieb iżejjen it-toroq u l-knisja bl-elettriku. Fil-knisja minn ġewwa, id-dawl kollu li kien hemm kien jikkonsisti f'żewġ brazzi tar-ram li kellhom tliet bozoz kull waħda, fejn San Pietru u San Pawl, jiġifieri fuq l-Artal Maġġur, u tmien bozoz oħra mdendla waħda f'kull arkata ta' artal jiġifieri erbgħa fil-kappelluni u erbgħa oħra fil-Korsija u kien jinxtegħel ukoll gwarniċ mimli bozoz madwar l-inkwatru tal-Kor.

Meta kont tidħol fil-knisja bilkemm ma kinitx taqbdek ftit tas-swied ta' qalb meta kont tħares lejn l-art u tara dawk l-oqbra; allura biex ma kinux jidhru, kienu jiksu l-art kollha bil-ħaxix li kien jikkonsisti f'weraq tar-rand u klin, li kien jagħmel riħa tfuħ u jgħatti dawk l-oqbra kollha. Imma llum iż-żmien tbiddel u aħna l-ġenerazzjoni li rajna dan kollu jinbidel matul iż-żmien ta' ħajjitna inħossuna sodisfatti, għax mhux biss aħna mbdilna u xjeħna fiż-żmien, imma mbidel ukoll kull ħaġa li għandu x'jaqsam mal-Festa ta' Santa Marija. Dan huwa unur kbir għalina li naraw li dak li xxettel fl-imgħoddi sab art għammiela u min qed imexxi baqa' b'dik it-tradizzjoni li trawmet minn missirijietna.

Illum il-knisja tagħna qisha ġenna ċkejkna, mimlija b'kull ma jinħtieġ. Dan kollu jistgħu jixhduh il-barranin li jiġu jżuruna f'dan ir-raħal, u l-mertu ta' dan kollu jmur l-ewwelnett lil Dun Mattew Magro kemm dam Prokuratur tal-Knisja u t-tieni lill-Wisq Rev. Kappillan Dun Karm Attard, Saċerdot ħabrieki u zelanti. Bis-sagrifiċċi tagħhom u magħhom il-Mibki President Onorarju tas-Soċjetà Dwardu Borg, il-knisja parrokkjali tinsab fl-istat sabiħ li hija llum.

L-aħħar kumment hu li nara d-differenza li teżisti bejn dak iż-żmien ta' ħamsin sena ilu u llum hu fejn tidħol ir-reliġjożita tal-parruċċani. Qabel kont tara attendenza kbira, speċjalment fil-funzjonijiet tal-Festa bħat-Tridu fejn fit-tliet ijiem kont tara l-knisja mballata bin-nies ħerqana jisimgħu il-priedka, u l-kant bil-mużika ta' l-Antifona, l-innu eċċ. F'Jum il-festa kulħadd kien jattendi għall-quddiesa Solenni biex jisimgħu il-Paneġierku. Jiddispjaċini ngħid li llum m'għadhiex hekk, imma nħoss li hemm bżonn li nerġgħu għal li konna qabel biex f'jum il-Festa nersqu kemm nistgħu għall-Funzjonijiet kollha, nersqu lejn is-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin biex b'hekk inkunu nistgħu nagħtu ġieh lil Ommna Marija Santissma Mtella' s-Sema.